MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 288/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C113) kif surrogata fid-drittijiet
tal-assikurat taghha Mario Debono, sija bil-polza u sija bil-
Ligi, u l-istess Mario Debono**

**Vs**

**Peter Borg**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u disgha w erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm549.36c) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar il-15 ta' Settembru, 2003 fi Triq Erin Serracino Inglott, Iklin bejn il-

vettura tal-ghamla *Toyota* bin-numru ta’ registrazzjoni LVY 205 misjuqa minn Paul Farrugia, u proprjeta’ ta’ l-attur, u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBL 106 misjuqa mill-konvenut.

Il-konvenut ghalkemm interpellat anki permezz ta’ Ittra Ufficjali tal-21 ta’ Lulju, 2004 baqa’ nadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tal-21 ta’ Lulju, 2004 u ta’ l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba kontra s-socjeta’ assikurattrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Stephen Muscat jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------